# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
(Spettur Edmond Cuschieri)

vs

Gary Falzon

Kumpilazzjoni Numru 391/2012

Illum 13 ta' Mejju, 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Gary Falzon detentur tal-karta tal-identita` numru 56892M akkuzat talli nhar it-3 ta' Ottubru 2010 ghal habta tal-04.00pm fil-Bidnija limiti tal-Mosta hu saq il-vettura FBH986 ta' ghamla Maruti Omni minghajr ma kellu licenzja ta-sewqan tal-Kummisarju tal-Pulizija

Talli wkoll fl-istess data lok hin u cirkostanzi hu saq l-imsemmija vettura mingajr ma kien kopert b'assigurazzjoni ghar-riskju ta' terzi persuni.

Talli wkoll fl-istess data lok hin u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq l-vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni FBH986 ta' ghamla Maruti Omni b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAC051 ta' ghamla Puegot w ikkaguna griehi ta' natura gravi (perikolu tal-mewt) fuq il-persuna ta' Dean Carl Agius li kien passigier fil vettura tieghu u dan skond kif iccertifika Dr Michael Spiteri MD.

Talli wkoll fl-istess data lok hin u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq l-vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni FBH986 ta'

ghamla Maruti Omni b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikakguna ukoll feririt gravi fuq il-persuni ta' Sean Karl Agius u Francesco Giuseppe Cachia Caruana u dan skond kif iccertifika dr Mario Scerri MD.

Talli wkoll fl-istess data lok hin u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq l-vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni FBH986 ta' ghamla Maruti Omni b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna hsara involontarja fuq il-vettura HAC051 u dan ghad dannu ta' Carmela Fells u jew persuni ohra.

Il-Qorti f'kaz ta' htija giet ukoll mitluba sabiex tordna lil imputat ihallas l-ispejjez perizjali konnessi mal-inkjesta Magisterjali.

Il-Qorti f'kaz ta' htija giet ukoll mitluba sabiex tiskwalifika lil imputata milli jkollu kwalunkwe licenza tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidhirla li huwa xieraq.

Semghet il-provi;

Rat l-ammissjoni tal-imputat li giet ikkonfermata anke wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hmistax (15) ta' Gunju elfejn u hmistax (2015) fejn intalab li din il-Qorti ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi:

a) Fl-artikolu 15(1)(a), (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 3(1), (2)(a), (2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Fl-artikoli 328(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni mill-imputat Gary Falzon li giet ikkonfermata, anke wara li nghata zmien konsiderevoli biex jahsibha u wara li rat l-Artikoli 15(1)(a), (3) tal-Kapitolu 65, 3(1), (2)(a), (2A) tal-Kapitolu 104, 226(1)(a), 226(1)(b), 328(c), 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal tnax (12)-il xahar.

Il-Qorti qed ukoll timponi fuq l-imputat Gary Falzon sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal tnax (12)-il xahar dekorribbli min-nofsillejl ta' ghada.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Gary Falzon ghall-ispejjez peritali ammontanti ghal elfejn mija u wiehed u sittin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€2161.22).

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

-----------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**